**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 712/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Patrick Xuereb**

**Illum, 19 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

> "**Patrick Xuereb**, u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru: 0295171M
>
> Billi nhar il-11 t'Ottubru 2020 ġewwa il-limiti ta' Ħal Far, Birżebbuġia u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmiijiet differeient iżda li jksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ġibt ruħek b'tali mod li tajt fastidju għal aktar minn darba lill-ex sieħba tiegħek Carmen Abela, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju għall-istess Carmen Abela.

2. Ikkaġunajt lill-ex sieħba tiegħek u ċioe' Carmen Abela, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Patrick Xuereb** a benefiċċju ta' **Carmen Abela** u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Carmen Abela** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-plena applikabbli ghar-reat, torbot Iii **Patrick Xuereb** b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Patrick Xuereb** sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat illi iddikjara li mhux hati.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni;

Semghet lill-allegata vittma Carmen Abela tiddikjara li ma tridx tixhed fil-konfront tal-imputat u li ma ghandhiex interess li tkompli b'dawn il-proceduri.

Rat u qieset id-dokument u provi kollha mressqa.

**Ikkunsidrat:**

**L-Akkuzi fil-qosor**

Illi l-akkuzi kontra l-imputat inhargu wara rapport li sar mill-allegat vittma mal-Pulizija.

Illi, fil-qosor, f'din il-kaz l-imputat huwa akkuzat li ta fastidju lill-eks siehba tieghu u li ikkagunalha biza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta taghha, jew kontra l-persuna jew proprjeta ta' axxendenti jew dixxendenti taghha.

Illi ghalhekk ix-xhud principali jekk mhux anke ewlieni f'dawn il-proceduri hija l-allegata vittma Carmen Abela illi ghazlet illi ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi fil-kawzi li jaqghu fl-ambitu tal-vjolenza domestika, l-allegata vittma ghandha kemm id-dritt illi taghzel li ma tixhidx fil-konfront tal-imputata izda wkoll ghandha d-dritt illi titlob li l-proceduri fil-konfront tal-imputata jigu mwaqqfa.

Illi l-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni ma humiex tali li wahedhom jistghu jwasslu sabiex tinstab htija fl-imputat fl-assenza tax-xhieda tal-allegata vittma.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentament tilliberah mill-akkuzi migjuba kontrih.

Stante illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' u jigi deciz bil-procedura sommarja, il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur